# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1042/2015 JVC**

**Cindy Limited (C 18711)**

**vs**

**Carmelo Buhagiar**
**Grazio Buhagiar**
**Alfred Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta' rikorrenti Cindy Limited kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi r-rikorrenti hija l-propjetarja ta' l-art maghrufa bhala ta' Has-Sajd, limiti ta' Haz-Zabbar, fil-kontrada ta' Has-Sajd, tal-kejl nett superficjali ta' madwar tnax – il elf, mija u hamsa u sittin metri kwadri (12.165 m.k);

Illi din il-propjeta hawn citata giet trasferita lir-rikorrenti ai termini ta' kuntratt ta' akkwist in atti tan-Nutar Dott. John Gambin, hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi l-intimati Cramelo Buhagiar, Grazio Buhagiar, u Alfred Buhagiar jiddetjenu din l-art illegalment, klandestinament, u minghjar ebda titolu validu fil-Ligi;

Illi l-intimati gew interpellati b'ittra ufficcjali datata datata 30 ta' Settembru 2014, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B sabiex, huma jizgombraw mill-art maghrufa bhala ta' Has-Sajd, limiti ta' Haz-Zabbar, izda huma baqghu inadempjenti.

Illi ghalkemm debitament notifikat bl-ittra ufficcjali, l-intimati baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha issir din il-procedura;

Illi Joseph Zammit kif debitament awtorizzat ghar-rikorrenti Cindy Limited, jikkonferma li jaf il-fatti fuq imsemmija personalment u li l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a` tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-art maghrufa bhala ta' Has-Sajd, limiti ta' Haz-Zabbar, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-spejjez kontra l-intimati u b'rizerva ghal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimati, liema intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 3 ta' Dicembru, 2015 li awtorizzat lill-intimati jipprezentaw risposta ghar-rikors prezentat originarjament bil-procedura sommarja.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmelo Buhagiar et li eccepew kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament is-socjeta rikorrenti ghandha tindika b'mod car permezz ta' pjanta dettaljata li turi l-lok u l-qisien tal-art li qed tallega li l-intimati qed jiddetjenu llegalment, klandestinament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Illi preliminarjament ukoll is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova illi art li qed tallega li l-intimati qed jiddetjenu llegalment, klandestinament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi hija l-istess art li akkwistat permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin gja esebit bhala Dok A.

3. Illi preliminarjament ukoll is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova illi art li qed tallega li l-intimati qed jiddetjenu illegalment, klandestinament u minghjar ebda titolu validu fil-

ligi hija l-istess art li llum jokkupaw bi titolu ta' qbiela l-intimati, bhala s-successuri u l-eredi tal-genituri taghhom Emanuele u Pawla Buhagiar.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha u dan ghaliex kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-intimati bhala s-successuri u eredi tal-genituri taghhom Emaunele u Pawla Buhagiar ghandhom titolu validu ta' qbiela minghand il-familja Cassar Desain fuq l-art li jiddetjenu, liema qbiela tinsab imhallsha sal-15 ta' Awwissu 2016 skond l-ahhar ircevuta rilaxxata fit-18 ta' Awwissu 2015 mill-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia bhala l-amministratur prezenti tal-familja Cassar Desain.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi.'.

Rat l-affidavits, xiehda, kuntratti, ittri nterpellatorji, ittri ufficjali, pjanta, cedola ta' depozitu, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 16 ta' Settembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna originarjament giet intavolata bil-procediment sommarju specjali a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Wara li l-Qorti semghet lil partijiet, dehrilha li l-intimati ghandhom *prima facie* eccezzjonijiet xi jressqu u awtorizzathom jipprezentaw risposta guramentata f'terminu mpost fuqhom.

Illi s-socjeta' attrici Cindy Limited (C 18711) issostni li hija l-proprjetarja ta' art maghrufa bhala ta' Has-Sajd, limiti ta' Haz-Zabbar, fil-kontrada ta' Has-Sajd tal-kejl nett superficjali ta' madwar tnax-il elf, mija u hamsa u sittin metri kwadri (12,165 m.k.) akkwistati permezz ta' kuntratt ta' xiri datat 8 ta' Ottubru, 2004 fl-atti tan-Nutar John Gambin (ara kuntratt a fol. 4 *et seq* tal-process). Is-socjeta' attrici ssostni wkoll li l-konvenuti ahwa Buhagiar qed jiddetjenu din l-art b'mod illegali, klandestin u minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u kien ghalhekk li istitwiet din il-procedura fejn talbet li l-intimati jigu zgumbrati mill-art imsemmija.

Il-konvenuti ahwa Buhagiar laqghu ghat-talbiet atturi billi fost affarijiet ohra nsistew li huma jiddetjenu l-art mertu tal-kawza b'titolu ta' qbiela.

**<u>L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-intimati jeccepixxu li s-socjeta' attrici ghandha tindika b'mod car permezz ta' pjanta dettaljata li turi l-lok u l-qisien tal-art li allegatament l-intimati qeghdin jiddetjenu llegalment, klandestinament u

minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi. Permezz tat-tieni eccezzjoni jeccepixxu wkoll li s-socjeta' rikorrenti ghandha tipprova li l-art li qed tallega li l-intimati qed jiddetjenu llegalment, klandestinament u minghajr titolu validu fil-ligi hija l-istess art li giet akkwistata minnhom bil-kuntratt ta' xiri tat-8 ta' Ottubru, 2004 fl-atti tan-Nutar John Gambin.

Illi s-socjeta' rikorrenti permezz ta' nota ntavolata nhar it-30 ta' Marzu, 2016 a fol. 30 tal-process ipprezentat pjanta mmarkata bhala Dok ZC fuq liema pjanta gie ndikat bil-kulur ahmar l-art mertu ta' dawn il-proceduri. Sussegwentement permezz ta' nota ohra ntavolata nhar it-8 ta' Mejju, 2017 a fol. 51 tal-process is-socjeta' rikorrenti pprezentat ukoll kopja tal-kuntratt ta' l-akkwist, flimkien mal-pjanti relattivi, in konnessjoni ma' l-art mertu ta' dawn il-proceduri. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Joseph Zammit fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2017 ikkonferma kemm il-kuntratt, kif ukoll l-pjanta. Meta mistoqsi in kontro-ezami l-istess Zammit ikkonferma li meta xtara r-raba huwa kien jaf li l-art kienet imqabbla lis-sinjuri Buhagiar:

'*Xhud: Iva kont naf li l-art kienet imqabbla ghand is-sinjuri Buhagiar.*' (a fol. 41 *et seq* tal-process).

L-ezistenza tal-qbiela giet ikkonfermata wkoll mill-kuntratt ta' xiri tat-8 ta' Ottubru, 2004 innifsu li fih gie espressament iddikjarat li l-art qieghda tinbiegh:

'*...bhala imqabbla u mikrija lil diversi persuni.*'

u mhux bhala libera u franka.

Illi l-Qorti bil-prezentata tad-dokumenti ndikati fil-paragrafu precedenti u bid-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti, tinsab konvinta li l-art mertu tal-kawza hija l-istess art li l-konvenuti ahwa Buhagiar qed jokkupaw. Dan aktar u aktar ikkunsidrat li kien l-konvenut Carmelo Buhagiar innifsu li fid-deposizzjoni tieghu moghtija nhar id-9 ta' Ottubru, 2018 ikkonferma li l-art tas-socjeta' rikorrenti hija l-istess art imqabbla lilhom (a fol. 70 *et seq* tal-process):

> 'Dr Gauci Maistre: Issa l-kawza taf fuq xiex inhi. Issa ghidilna l-istorja daqsxejn kif giet il-qbiela ghandkom u x'inhi l-pozizzjoni taghkom illum. Kif originat il-qbiela fil-familja? Int it-tifel ta' min?
>
> Xhud: Ta' Emanuel Buhagiar late u Pawla Buhagiar. Jien niftakarni dejjem ghandna r-raba. Kien jigi s-sid tal-qbiela.
>
> Dr Gauci Maistre: Is-sid min hu?
>
> Xhud: Dr George Cassar. Imbaghad kien jhallsu lil Dr Porcella Flores. Gieli mort jien biha u wara Dr Porscella Flores Dr Peter Caruana Galizia.
>
> ...
>
> Dr Gauci Maistre: Issa halli nurik daqsxejn pjanta li hija a fol. 31 tal-process. Din li hi mmarkata bl-ahdar taghrafa?
>
> Xhud: Iva. Kollha naghrafha.
>
> Dr Gauci Maistre: Issa liema parti ghandkom intom?

Xhud: L-ahmar u din. ...'

Mill-kuntratt ta' bejgh li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti Cindy Limited xtrat u akkwistat l-art jirrizulta li din l-art kienet tappartjeni lill-familja Cassar Desain u ghalhekk meta x-xhud Carmelo Buhagiar irrefera ghal Dr George Cassar bhala s-sid, dan kien qieghed jirreferi ghal Cassar Desain. Ghaldaqstant fid-dawl ta' kollu suespost din il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat li l-art mertu tal-kwistjoni hija l-istess art detenuta mill-intimati u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

**<u>It-tielet eccezzjoni preliminari:</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni l-intimati jeccepixxu li s-socjeta' attrici ghandha wkoll tipprova li l-art li qed tallega li l-intimati qed jiddetjenu llegalment, klandestinament u bla ebda titolu validu fil-ligi hija l-istess art li llum hija okkupata b'titolu ta' qbiela bhala s-successuri u l-eredi ta' Emanuele u Pawla konjugi Buhagiar.

B'referenza ghal din l-eccezzjoni l-Qorti tqis li fil-kawza odjerna dak li trid tipprova s-socjeta' rikorrenti Cindy Limited huwa li l-art li qed tallega li hija detenuta mill-konvenuti hija verament proprjeta' taghha, li hija l-istess art li qieghda tigi detenuta mill-konvenuti, u li hija detenuta mill-konvenuti minghajr titolu validu fil-ligi.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal massima latina *onus probanti incubit ei qui dicit non ai qui negat* li tippressupponi li min jallega jrid jipprova. It-titolu ta' qbiela fuq l-art tas-socjeta' rikorrenti, ghandu jigi ppruvat mill-konvenuti stante li kienu huma li ressqu l-eccezzjoni li ghandhom titolu ta' qbiela fuq l-art derivanti bhala

successuri u eredi tal-mejta Emanuele u Pawla konjugi Buhagiar. Tant hu hekk li fil-mori tal-kawza din il-Qorti diversament preseduta ordnat l-inversjoni tal-provi sabiex ikunu l-konvenuti li jressqu provi dwar il-qbiela.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-tielet eccezzjoni preliminari stante li l-prova tinkombi fuq l-istess konvenuti u ghalhekk kif diretta fil-konfront tas-socjeta' attrici hija wahda frivola u vessatorja.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuti ahwa Buhagiar qed jiddetjenu l-art maghrufa bhala ta' Hal-Sajd, fil-limiti ta' Haz-Zabbar fil-kontrada ta' Has-Sajd illegalment, klandestinament u minghajr titolu validu fil-ligi. Di fatti s-socjeta' rikorrenti pprocediet bil-kawza odjerna bil-procediment sommarju specjali a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) liema procediment gie konvertit ghal wiehed normali stante li l-intimati resqu titolu ta' qbiela fuq l-art mertu tal-kawza.

Illi l-konvenuti ahwa Buhagiar ressqu diversi provi tat-titolu taghhom ta' qbiela fuq l-art mertu tal-kawza odjerna. Fl-atti xehdu l-konvenuti Carmelo Buhagiar (fol. 70 *et seq* tal-process) u Alfred Buhagiar (fol. 89 tal-process) li da parti tieghu kkonferma d-deposizzjoni moghtija minn huh Carmelo Buhagiar. Ix-xhieda kkonfermaw li l-qbiela kienet tal-antenati taghhom u kienu jhallsu l-ammont ta' tmintax-il lira tal-munita l-antika (Lm18) lil certu Dr George Cassar u wara lil Dr Porsella Flores u wara bdew jghaddu

l-hlas taghhom lil Dr Peter Caruana Galizia. Carmelo Buhagiar jixhed kif isegwi:

‘Dr Gauci Maistre: Is-sid min hu?

Xhud: Dr George Cassar. Imbaghad kienu jhallsu lil Dr Porscella Flores. Gieli mort jien biha u wara Dr Porscella Flores Dr Peter Caruana Galizia.

Dr Gauci Maistre: Meta qed tghid l-antenati tieghek kemm tmur lura li ilha ghandkom il-qbiela?

Xhud: Missieri jsemmi mijiet tas-snin.

Dr Gauci Maistre: Man-nannu?

Xhud: Buznanniet u hekk. Missier missieru Wenzu.

Ass. Gud: Dejjem tafha fil-familja tieghek.

Xhud: Iva.’

Il-konvenuti ahwa Buhagiar ressqu wkoll bhala xhud lil Dr Peter Caruana Galizia li xehed fis-seduta tal-4 ta’ Frar, 2020 a fol. 90 *et seq* tal-process. Fix-xiehda tieghu jikkonferma li huwa minnu li kien jircievi l-qbiela tal-familja Cassar Desain minghand wahda certa Pawla Buhagiar u kkonferma bhala ricevuti mahruga minnu l-ircevuti CB 8 sa CB 15 li gew lilu murija:

‘Dr Gauci Maistre: Tghidilna l-involviment tieghek?

Xhud: Jien certu zmien kont hadt over minghand Dr Renzo Porsella Flores li kien l-amministratur ta' qabel tal-familja Cassar de Sain u bdejt nigbor il-qbiela jien. Il-problema dejjem kienet li Dr Renzo ma kienx tani handover tajjeb. Ma kelli l-ebda dettalji u ma kelli l-ebda registru. Ma kontx naf min huma l-inkwilini, ma kontx naf fejn qieghda l-art pero bdew gejjin in-nies biex ihallsu. Ma nafx kif sabuni .... Pero' n-notamenti li ghandi hu li kienet thallas certu Pawla Buhagiar fuq art.... Haz-Zabbar bir-rata ta' Lm18 fis-sena li jigu €41.93. Pero' ma nafx ezatt fejn hi din l-art. M'ghandix il-pjanti. Kienet thallas ukoll l-istess Pawla Buhagiar fuq 8, Triq Has-Sajjieb, Haz-Zabbar u kienet thallas Lm 26 fis-sena li kienu jigu €60.56 inkluz zewg liri karnagg ukoll.

...

Xhud: Cb 8 u CB9 nikkonferma li dawn huma kollha rcevuti li saru minn Josianne Galea s-segretarja tieghi u jigifieri ghan-nom tieghi. Kont amministratur tal-familja Cassar de Sain. Hemm l-ircevuta CB 10 li ffirmata Michelle Caruana li wkoll kienet tahdem maghna. CB11 Michelle Caruana wkoll, CB 12 Elaine Fenech li wkoll kienet tahdem maghna. Huma kollha taghna dawn jigifieri.

Dr Gauci Maistre: Issa rigward inbieghetx xi proprjeta' jew taf xi haga certu Zammit?

Xhud: Certu zmien skoprejt li kien sar kuntratt fejn parti mill-klienti tieghi kienu bieghu xi wahda mill-ghelieqi lill-kumpanija Sindy Limited. Li gara – jien ma kontx naf – il-klienti tieghi kienu qasmu bejniethom. Kulhadd kellu l-bicca tieghu. Ma nafx qasmux wiehed wiehed imma kienu gruppi

tnejn tnejn, jew whatever. Insejt liema tnejn jew tlieta bieghu lil Sindy Ltd pero' kienet parti mit-territorju. Jien ma kontx naf u kont bqajt nircievi.'

Il-konvenuti resqu wkoll bhala prova ammont konsiderevoli ta' rcevuti bhala hlas tal-qbiela tal-art maghrufa bhala 'Taz-Zigli', li jmorru lura ghas-sena 1989 u jaslu sas-snin ricenti, bl-ahhar hlas isir bl-uzu ta' cedola ta' depozitu stante li Dr Peter Caruana Galizia rrifjuta l-hlas tal-qbiela. Mic-cedola ta' depozitu li kopja taghha giet ipprezentata a fol. 110 tal-process jirrizulta li l-konvenuti mill-2019 bdew jiddepozitaw il-qbiela fuq Cindy Limited, Alfred Falzon Sant Manduca u Dr Martin Fenech bhala kuratur deputat tal-assenti Philip Bradshaw (ara ricevuti u cedola ta' depozitu a fol. 95 *et seq* tal-process).

Ix-xhud Dr. Peter Caruana Galizia qal li lilu hadd ma kien infurmah li l-art kienet inbieghet lil Cindy Limited u kien ghalhekk li ghal diversi snin baqa' jircievi u jghaddi l-hlas tal-qbiela lill-familja Cassar Desain. Kien biss meta rcieva ittra minghand Dr Zammit Mckeon li gie a konjizzjoni ta' dan. Il-konvenuti wkoll ikkonfermaw li da parti taghhom hadd ma kien infurmahom li l-art ma baqghetx proprjeta' tal-familja Cassar Desain u kien ghalhekk li baqghu jghaddu l-hlasijiet lil Dr Peter Caruana Galizia. Ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti Joseph Zammit meta xehed fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2017 qal li:

'*...Meta xtrajt l-art ma tlabtx lil Buhagiar biex ihallsuni l-qbiela.*' (fol. 41 *et seq* tal-process).

Illi bhala prova tal-qbiela tal-konvenuti fl-atti gie wkoll prezentat kopja tal-kuntratt ta' akkwist tas-socjeta' attrici datat 8 ta' Ottubru, 2004 a fol. 52 *et seq* tal-process. Mill-kuntratt jemani li l-art ma

nbieghetx libera u franka madanakollu nbieghet bhala mqabbla u mikrija lil diversi persuni:

> 'Dina il-proprjeta qieghda tinbiegh u tinxtara bhala imqabbla u mikrija lil diversi persuni li il-kompratur nomine jiddikjara illi jaf min huma, u ghalhekk minghajr vacant possession, tale quale kif inhi illum, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, libera u franka.'

Maghdud ma' dan, ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti Joseph Zammit ammetta li huwa kien jaf bil-qbiela fuq l-art mertu tal-kawza odjerna u li din l-art kienet imqabbla lill-familja Buhagiar li jigu l-kugini tal-mara tieghu. Din l-ammissjoni saret fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2017 moghtija quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Schembri Gonzi a fol. 41 *et seq* tal-process fejn meta mistoqsi in kontro-ezami xehed is-segwenti:

> '**<u>Kontro ezami minn Dr Paul Gauci Maistre :</u>**
>
> ***Dr Paul Gauci Maistre***
> Inti meta xtrjat l-art bil-kuntratt kont taf li din l-art imqabbla hux hekk lis-Sur Buhagiar, naqblu?
>
> ***Xhud :***
> Iva kont naf li l-art kienet imqabbla ghand is-sinjuri Buhaiar.
>
> ***Dr Paul Gauci Maistre***
> U nabqlu jigifieri li din l-art xtrajtha min ghand il-familja Cassar Desain?
>
> ***Xhud:***
> Naqbel li l-art xtrajha minn ghand il-familja Cassar Desain.

*Dr Paul Gauci Maistre*
Naqblu wkoll li l-qbiela kienet tithallas lil Cassar Desain?

*Xhud:*
Naqbel; li l-qbiela kienet tithallas lil Cassar Desain.

*Dr Paul Gauci Maistre*
Inti meta xtrajt l-art, l-ewwel haga tlabthom biex ihallusk il-qbiela?

*Xhud:*
Meta xtrajt l-art ma tlabtx lil Buhagiar biex ihallsuni l-qbiela

*Dr Paul Gauci Maistre*
U ghaliex ma tlabthomx? Ghaliex?

*Xhud:*
Ma tlabthomx, imma din tal-kera ...jien; u s-sid ...ir-raba' ...qal ihallu lilek, u lili qatt ma tawni xejn. M'hemmx raguni, ma saqsejthomx ghax jien irrid l-art lura biex nahdimha jien.

*Assistent Gudizzjarju :*
Qed nigi mistoqsi jekk hux minnu li ta' Buhagiar ghandhom titolu ta' qbiela : nghid illi jien naf li qabel ma xtrajtha jien kellhom titolu ta' qbiela huma ..

*Xhud :*
Kienu jhallsu lis-sid ta' qabel.

*Dr Paul Gauci Maistre*

Jigifieri s-sinjuri Buhagiar kienu jhallsu l-qbiela lil Cassar Desain.

*Xhud:*

Naqbel li l-istess art li kienu jhallsu l-qbiela s-sinjuri Buhagiar lil Cassar Desain hija l-istess art li nixtieqa lura jien. Nghid illi ghamilt il-kawza issa ghax jien is-sid issa ta' l-art u mhux huma.'

Illi l-Qorti rinfaccjata bil-provi suesposti u bl-ammissjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti, tqis li gie sufficjentement pruvat li l-konvenuti jiddetjenu l-art mertu tal-kawza taht titolu ta' qbiela li giet ghandhom bhala successuri u eredi tal-genituri taghhom Emanuele u Pawla Buhagiar. Ir-raguni ghaliex l-attur irid l-art lura u cioe' sabiex jahdimha hu mhiex kompetenza ta' din il-Qorti izda se mai ghandha titressaq quddiem il-Bord kompetenti.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' eccezzjoni u tichad it-talbiet kollha attrici.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel tlett eccezzonijiet tal-intimati bl-ispejjez kontra taghhom;

2. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimati u stante li jirrizulta li l-intimati jiddetjenu l-art in kwistjoni b'titolu ta' qbiela tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza li mhux gia decizi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Frar, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar, 2021**